MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1099/2005

**Maltacom p.l.c. (C-22334)
vs
Martin Agius (ID 386461M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Mejju, 2005, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u tmien liri Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm408.84), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21377125, (CN247472 AC10125283), liema servizz gie nstallat fil-fond 574, Triq Dun Amante Sisner, Pembroke skond diversi kontijiet mibghuta lilu, prospett anness mal-avviz markat Dok.A u Dok.B u kuntratt relattiv immarkat Dok.C.**

**Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fil-11 ta' Novembru, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u tmien liri Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm408.84) bl-imghax legali dekoribbli mill-14 ta' Ottubru, 2005, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------